**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Shaun Caruana**

**Kumpilazzjoni Numru: 129/12**

**Illum, 2 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shaun Caruana detentur tal-karta tal-identita` numru 157695(M).

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

> Fi granet u hinijiet differenti bejn il-25 ta' Dicembru 2011 u t-30 ta' Jannar 2012, minn gewwa r-residenza Blk 2, Flat 6, Triq Danny Cremona, Kirkop, ikkommetta serq ta' deheb u fidda, ikkwalifikat bil-persuna u bil-lok u liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Kristiana Ciantar u/jew persuna jew persuni ohra.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Frar 2012, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Semghet il-provi kollha; u

Rat l-artikoli indikati u cioe`l-Artikoli 268, 269, 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2016, liema ammissjoni giet ikkonfermata anke wara li nghata zmien opportun sabiex jirregola ruhu.

Stante li l-imputat qed jindirizza l-problema tad-droga li ghandu qed issib lill-imputat Shaun Caruana hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Probation Order ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Ordni tal-Probation anness mal-odjerna sentenza tigi komunika lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**